MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 230/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Cuschieri talli:

(1) Fil-21 ta' Awissu 2003, ghall-habta tas-7.15 ta' filghaxija mill-hanut bl-isem 'Hi-Tech' sitwat fi Triq tal-Hlas, Qormi ikommetta serq ta' kwantita` ta' apparat cellulari ghad-dannu tad-dirigenti tal-imsemmi hanut, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bil-hin;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom;

(3) Sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u ghaldaqstant illiberatu minnhom izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tliet snin;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Francis Cuschieri pprezentat fil-11 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: (1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet; (2) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kwindi tilliberah minn din l-imputazzjoni, htija u piena; u (3) minghajr rpegudizzju, f’kaz lid an l-appell ma jintlaqax, tirriformaha fil-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba. Huwa jghid li fil-pussess tieghu nstabu biss zewg *mobile phones* u dan wahdu bl-ebda mod ma jindika li fil-pussess tieghu kellu l-*mobiles* kollha li nsterqu u li s-serqa setghet tigi addebitata lilu. Huwa stqarr li dawn iz-zewg *mobiles* kien xtrahom bi ftit flus, u ghalkemm l-Ispettur investigattiv qal li dawn kienu jiswew Lm270, fl-ebda stadju tal-process ma gie determinat b’kemm kien xtrahom l-appellant.

Konsegwentement, isostni l-appellant, il-prosekuzzjoni ma ppruvatx ix-xjenza mehtiega biex jigi ppruvat ir-reat ta' ricettazzjoni.

Issa in materja ta' apprezzament ta' provi, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Jibda biex jinghad li, kif jirrizulta mis-sentenza appellata, filwaqt li l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni – dik ta' serq – meta sabitu hati tat-tieni imputazzjoni – dik ta' ricettazzjoni – hija addebitatlu htija ghar-ricettazzjoni tar-refurtiva kollha.

Issa, mill-provi jirrizulta li fil-21 ta' Awissu 2003 sar *hold-up* mill-hanut "Hi Tech" li jinsab fi Triq tal-Hlas, Hal-Qormi. Dan sar minn persuna li waslet quddiem il-hanut b'mutur u

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

dahlet fil-hanut liebsa *crash helmet* u armata b'senter. Fir-rapport li ghamel l-Ispettur Chris Galea Scannura lill-Magistrat Inkwirenti (u kkonfermat minnu bil-gurament fl-Istruttorja), gie indikat li r-refurtiva kienet tikkonsisti f'Lm170 fi flus kontanti u *mobile phones* ghall-valur ta' madwar Lm890. David Debattista, fix-xiehda tieghu quddiem il-perit tekniku l-A.I.C. Richard Aquilina, qal li ttiehdu Lm170 u xi ghaxar *mobiles* li jiswew xi Lm800. Fost il-*mobiles* misruqa kien hemm Samsung U200 bin-numru serjali 351623003987132 li l-appellant fl-istqarrija tieghu ammetta li kien ghamel uzu minnu, u Nokia (li fl-istqarrija gie ndikat bhala Nokia 8310 u f'rikors sussegwenti tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Nokia 5210) bin-numru serjali 361353200614566 li l-appellant ammetta li tah lit-tifla tieghu u li ghalih ircieva Lm20 minghand martu. Is-Samsung l-appellant kien qed juzah bin-numru 79308200 (ara xiehda ta' l-Ispettur Christopher Pullicino a fol. 77 – 78 u xiehda ta' Anthony Bonnici mis-socjeta` Go Mobile a fol. 119 – 121). Fl-istqarrija tieghu l-appellant qal li kien ilu xi sena jaghmel uzu minn dan in-numru. Qal ukoll li ma jafx li l-*mobiles* in kwistjoni kienu misruqin mill-hanut imsemmi.

Dwar il-provenjenza taz-zewg *mobiles*, l-appellant jghid li hu xtrahom minn fejn l-Isptar. Fl-istqarrija tieghu nsibu s-segwenti mistoqsijiet u twegibiet:

"M. Ghadek m'ghidtlix kif gew ghandek dawn il-*mobile* x'tahseb?
T. Jien xtrajthom minn fejn l-Isptar.
M. Ircevuta ghandek?
T. Le.
M. Minghand min xtrajthom?
T. Ma nafx.
M. Kemm xtrajthom?
T. Ma nafx xi ftit flus inkun qed nigdeb.
M. Dawn iz-zewg *mobiles* flimkien jiswew Lm270 godda xi tghid?
T. Jien ma nafx kemm jiswew, jien zgur ma xtrajthomx daqshekk. Kemm xtrajthom ma nafx pero` ftit ftit flus minghand junkie.
M. Mela taf kif gie ghandu xi tghid?

T. Hemm hekk jigu b'kollox imbasta jfiequ ghal dak il-hin. Jien gie wiehed minnhom u xtrajt.

….

M. Tiftakar meta xtrajthom?

T. Le.

M. Ara jekk tiftakarx li kienu ghandek f'Awissu tas-sena l-ohra?

T. Iva jista' jkun."

Bhalma gie ndikat qabel, is-serq mill-hanut Hi-Tech sehh fil-21 ta' Awissu 2003.

Issa, it-*theory of recent possession* ghandha applikabilita` kemm ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' serq kif ukoll ir-reat ta' ricettazzjoni.

Bhalma qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et**, 26 ta' Awissu 1998), **"din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti"**.

L-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li huwa hati ta' reat kull min f'Malta, **"**xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom". Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.[2]

---

[2] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

Stante li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' ricettazzjoni, dan ifisser li hija emmnet li l-appellant kien xtara l-*mobiles* in kwistjoni u li ma kienx hu li seraqhom. Mic-cirkostanzi li fihom xtara l-imsemmijin *mobiles* l-appellant jew kien jaf jew messu ragonevolment kien jaf li kienu gejjin minn provenjenza kriminuza. Evidentement il-*mobiles* kienu ghadhom godda stante li kienu ghadhom kemm insterqu. L-appellant ma semmiex il-prezz li bih xtrahom izda stante li qal li xtrahom bi "ftit flus", dan ifisser li kien prezz irizorju, certament bil-wisq inqas minn kemm kienu jiswew dawn il-*mobiles*. Fil-fatt ghall-kumment ta' l-ufficjal investigattiv waqt l-istqarrija li kienu jiswew Lm270, l-appellant wiegeb li "zgur ma xtrajthomx daqshekk" u li xtrahom "bi ftit flus". U ghalkemm waqt il-kompilazzjoni tal-provi ma giex determinat bi precizjoni l-valur tal-*mobiles* in kwistjoni, din il-Qorti hi sodisfatta li l-prezz taghhom kien jeccedi l-Lm200. Imbaghad l-appellant jghid li xtrahom minghand *junkie* izda li ma kienx jaf min hu. Jigifieri ma kienx xtara l-*mobiles* minghand xi hadd li kien fin-negozju tal-*mobiles*. Barra minn hekk, hu stess kien konxju mill-fatt li l-*junkies* imorru hdejn l-Isptar "b'kollox imbasta jfiequ ghal dak il-hin", u din kienet raguni bizzejjed biex l-appellant jaghraf il-provenjenza tal-*mobiles* bhala wahda *"suspect"*, cioe` bhala wahda kriminuza.

Ghaldaqstant l-aggravji ta' l-appellant dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti qed jigu respinti.

L-appellant ghandu aggravju iehor dwar il-piena li jqis bhala eccessiva.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[3].

---

[3] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Issa, stante li l-*mobiles* kienu gejjin minn serq, il-piena hi dik tas-serq skond il-valur tal-haga. L-artikolu 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-hati ta’ serq ikkwalifikat bil-“valur” biss, jehel - (*a*) jekk il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), il-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin.

Dan ifisser li l-ewwel Qorti mponiet il-piena fil-massimu possibbli. Izda dan ghamlitu ghax hadet in konsiderazzjoni l-valur komplessiv tal-*mobiles* misruqa. Difatti l-ewwel Qorti qalet fis-sentenza taghha li dwar “il-piena, peress illi l-valur tal-apparat misruq gie indikat li jiswa madwar Lm800, din taqa’ taht il-parametri tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Mill-provi pero` ma jirrizultax illi l-*mobiles* kollha kienu fil-pussess ta’ l-appellant izda biss it-tnejn li saret referenza ghalihom. Ma jistax jigi argumentat li ghax kellu parti mir-refurtiva fil-pussess tieghu allura kellu r-refurtiva shiha fil-pussess tieghu. Ghaldaqstant ghandu jkun hemm temperament fil-piena, filwaqt illi jittiehed kont tal-fedina penali pjuttost refrattarja ta’ l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ hmistax-il xahar, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------